MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 829/1995/2

**Philip Cachia**

**vs**

**Tracy Bruno u b'digriet tal-4 ta' Dicembru 1995 l-Avukat Dottor Stephen Thake bhala Segretarju ghan-nom tas-Socjeta' Laferla Insurance Agency Limited u din bhala mandatarja ta' l-assenti Andrew Wallace f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta estera assikuratrici Crowe Motor Policies at Lloyds gie ammess jintervjeni in statu et terminis**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fit-23 ta' Gunju, 1995, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi fis-16 ta' Lulju, 1994 waqt li l-konvenut Tracy Bruno kien qed isuq il-mutur ta' marka Suzuki numru Q-3302

f'Regional Road, St Julians imhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dana billi huwa naqas milli jieqaf fuq lis-Stop Sign, huwa b'hekk habat mal-vettura numru H-6870 proprjeta tal-attur, Philip Cachia, li dak il-hin kien qed tinsaq minnu fir-Regional Road, b'speed moderat hafna u skond ir-regolamenti tat-traffiku sejra fid-direzzjoni tal-Msida;

Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra danni konsiderevoli fosthom dawk risultanti mill-korriment serju u ta' natura gravi li jwassal ghall-inkapacita' ta' natura permanenti, liema inkapacita twassal ghad-danni attwali kif wkoll sejra twassal ghal danni futuri "lucrum cessans" u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi wkoll b'konsegwenza ta' dan l-incident, li ghalih kien unikament responsabbli il-konvenut, l-attur, kif gia, intqal sofra danni konsiderevoli u dana wkoll kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut Tracy Bruno interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur baqa inadempjenti kellha issir din il-kawza;

Talab ghalhekk li l-konvenut prevja kull dikjarazzjoni necessarja ighid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi :

1. Li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis-16 ta' Lulju 1994 fir-Regional Road, fil-limiti ta' San Gwann u ghad-danni kollha risultanti lill-attur bhala konsegwenza ta' dan l-istess incident;
2. ghaliex dawn id-danni m'ghandhomx jigu minn dina l-Qorti likwidati okkorrendo bl-opra ta' Periti nominandi;
3. ghaliex il-konvenut m'ghandux jigi ikkundannat ihallas lill-attur dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien mal-imghaxijiet legali;

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' ittra legali tat-18 ta' Awissu 1994 kontra l-konvenut u ta' zewg ittri ufficjali ippresentati

kontestwalment ma din ic-citazzjoni kontra l-Assikurazjoni tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ingunt ghas-sugizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament htija tal-attur innifsu;
2. It-tieni talba tal-attur ghandha ghalhekk tkun rigettata wkoll stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur;
3. Isegwi li anke t-tielet talba tal-attur ghandha tkun michuda billi l-eccipjent m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba imsressqa mill-konvenut kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet tieghu li in forza taghha, wara li ppremetta:

Illi fis-16 ta' Lulju 1994 ghal s-1.20a.m. waqt li l-konvenut kien bil-motorcycle Nru. Q-3302 f'Regional Road, San Giljan, huwa safa' involut f'incident awtomobilistiku mal-car Nru H-6870 misjuqa mill-konvenut;

Illi bhala konsegwenza tal-incident, il-konvenut garrab danni li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament l-attur minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-attur interpellat biex jersaq ghar-risarciment tad-danni tal-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li l-attur ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq riferti ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab il-konvenut;
2. tillikwida d-danni tal-konvenut, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;
3. tikkundannah ihallas lill-konvenut dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 1995 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-attur bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali, kontra l-attur li huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attur Philip Cachia ghall-kontro-talba ta' Tracy Bruno, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li l-incident in kwistjoni ma garax tort u htija tiehgu u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Salve eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Dicembru, 1995 li permezz tieghu hatret lil Dr Joseph Ciappara bhala perit legali bis-soliti fakultajiet.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Mejju 1999 li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu ta' Dr Joseph Ciappara u issostitwietu bl-istess inkarigu u bl-istess fakultajiet b'Dr Paul Gauci Maistre.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali, minnu mahlufa waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju, 2008.

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza parzjali dwar dikjarazzjoni ta' responsabbilita ghall-incident mertu ta' din il-kawza;

Illi a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qeghda tipproduci il-provi migbura mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu.

**"PROVI**

1. **Dr Kevin Schembri** bhala rapprezentant tas-Superintendent ta' St Luke's Hospital, prodott mill-attur qal: "Qabel l-incident mertu tal-kawza l-attur gie ammess l-isptar fuq ilmenti ta' asthma, imma l-ewwel incident serju li kellu kien fis-16 ta' Lulju, 1994 bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku. Kien isofri minn lacero contused wounds fuq l-ghadma ta' mniehru. Dam under observation sa l-ghada u gie released. Ma jidhirx li rega' dahal l-isptar, lanqas bhala out-patient. Minn noti ma jirrizultax li kellu ksur fis-snien. Kellu amnesia temporanja, imma fil-file hemm indikat li ghaddiet dak in-nhar stess. Fratturi ta' l-imnieher ma kienx hemm. Jekk stess wara tnehhewlu xi punti, dan ma giex recorded fil-history sheets".

2. **P.S. 542 Alexander Grech** stazzjonat San Giljan, prodott mill-attur qal illi huwa kien l-ufficjal li nvestiga din il-kollizjoni. Esebixxa kopja ta' l-okkorrenza li qara. Gie muri l-Police sketch li thejja minnu. (Dok.AG1 – Dok.AG3). Fl-okkorrenza inghad illi fis-16 ta' Lulju, 1994 ghal habta tas-1.20 a.m. sehhet kollizjoni fi Triq St Andrew's, San Giljan bejn vettura numru H-6870 Daihatsu Charade misjuqa minn Philip Cachia u motorcycle numru Q-3302 misjuq minn Bruno Tracy. Mad-daqqa wegga Tracy Bruno x-xufier tal-mutur, Romina Arnaud ta' 20 sena bint Vincent u Carmen nee Guzman imwielda Pieta u residenti Flat 2, Marshall Court, Gzira li kienet passiggiera fuq il-mutur u Philip Cachia x-xufier tal-vettura numru H-6870. Dawn kollha gew mehuda l-isptar San Luqa b'ambulanza fejn gew ezaminati minn Dr A. Micallef

u Dr M. Caruana fejn iccertifikaw illi Philip Cachia kien qed isofri minn griehi L.C.W. face slight to safe complications. Romina Arnaud kienet qed tbati minn griehi L.C.W over right arm and forearm, L.C.W. dorsum, right wrist, abrasion right leg and dorsum left foot, deep L.C.W. involving right knee injuries of grevious nature as certified by Dr Micallef and kept for further treatment. Vettura H-6870 u mutur Q3302 garbu hsarat estensivi. Minn stharrig li sar mill-Pulizija x-xufier ta’ H-6870 Philip Cachia qal li kien ghaddej minn Triq St Andrews fid-direzzjoni lejn il-mina tar-Regional Road minn St Andrew’s f’daqqa wahda hareg mutur numru Q-3302 minn naha ta’ Paceville u sehhet il-kollizjoni. Waqt li x-xufier ta’ Q-3302 qal illi waqt li kien hiereg minn Paceville ghal go St Andrew’s Road bil-mod, f’daqqa wahda minn naha tal-lemin tieghu, minn naha ta’ St Andrews’ giet karozza H-6870 bi speed eccessiv u baqa’ diehel fuq il-genb in-naha ta’ wara tal-mutur. Ser jittiehdu passi l-qorti fuq iz-zewg xufiera.

3. **Mario Farrugia** prodott mill-attur, qal: “Jien kont front-seat passenger fil-karozza ta’ l-attur. Konna gejjin minn St Andrew’s lejn il-mini tar-Regional Road b’xi 40 jew 50 k.f.s. Traffiku quddiemna u ma’ gembna ma kienx hemm. Warajna kien hemm il-karozza misjuqa minn Josef Grech. Konna qed insuqu lejn nofs it-triq. Traffic lights ma kienx hemm. L-incident rajtu. Rajt il-motor cycle hiereg minn naha tax-xellug taghna. Kien hiereg mid-direzzjoni ta’ Paceville u rajtu tul ta’ xi karozza boghod. Philip Cachia gibed lejn is-centre strip imma l-motor cycle intlaqat b’il quddiem tal-karozza taghna. Kien wara nofs il-lejl. Ma jidhirlix li qabel il-bidu tar-Regional Road kien hemm xi karozza wieqfa.”

4. Kontro ezaminat **Mario Farrugia** kompla jghid illi l-motor cycle rah hiereg bil-mod minn fuq l-istop sign u jahseb li kien bi speed inqas minnu. Il-motor cycle intlaqat fuq il-genb tal-lemin tieghu. Mistoqsi kif seta’ jispjega ghaliex il-karozza, li bi speed aktar gholi mill-motor cycle, f’distanza ta’ karozza il-motor cycle lahaqhom u gie quddiemhom, huwa qal li ma jistax

jispjega. Huwa kompla jghid: "Ma' l-impatt ghollejt idejja u bqajt hekk sa ma l-karozza giet biex tieqaf kif murija fil-Police sketch. Kollox gara f'hin ta' sekondi u ma nafx x'sar mill-motor cycle. Naf biss li kellu tfajla pillion rider u li spicca fuq il-karreggjata l-ohra. Jidhirli li l-hsara fid-Daihatsu kienet fuq il-faccata lejn in-nofs. Ma nafx jekk l-evasive action ittiehditx qabel l-impatt jew wara. Il-motor cycle ma kienx wieqaf jistenna mas-centre strip fejn hemm l-electricity pole fil-bidu tar-Regional Road. Definitely not. Ma niftakarx jekk id-Daihatsu zammitx brake jew werzqitx. Nahseb li l-motor cycle kellu dwal. Ahna kellna dipped. Kien hemm id-dwal tat-triq ukoll."

5. **Josef Grech** prodott mill-attur bil-gurament qal: "Jiena kont b'Opel miexi wara Philip Cachia gejjin minn St Andrew's. Kont lura minnu tul ta' xi erba' karozzi. Kont b'xi 45 k.p.h daqs Philip Cachia. Konna qed inzommu man-nofs tal-karreggjata imma izjed lejn ix-xellug. Fil-kisra t-triq tidjieq. Ahna t-tnejn kellna dwal. Cachia kien bil-main beam. Traffiku iehor fil-parti tat-triq taghna ma kienx hemm. Lanqas traffiku gej minn Paceville lejn St Andrew's u traffiku gej mill-mini lejn il-fetha ma kien hemm. Il-habta rajtha sew, cara kristall. F'daqqa wahda hareg il-motor cycle minn fejn hemm Stop Sign u rajt lil Philip jikser lejn il-lemin biex jevitah. Il-motor cycle ma kienx qed izomm max-xellug tieghu. Nikkalkula li, meta hareg il-motor cycle, kien hemm distanza ta' xi zewg metri bejnu u bejn id-Daihatsu. Id-daqqa fil-motor cycle kienet mal-lemin tieghu minn nofs lura. Id-Daihatsu laqtitu bin-nofs ta' quddiem taghha. Nikkalkula li l-habta grat lejn in-nofs tal-karreggjata li tiehu lejn il-mini lejn il-white line. Id-Daihatsu daret full circle u spiccat kif murija fil-Police Sketch. Il-motor cycle tfarrak imma l-parti principali waqfet fejn tidher fil-Police sketch. Philip Cachia korra fl-incident.

6. Kontro-ezaminat **Josef Grech** kompla: "Nikkonferma li ma kienx hemm traffiku kif ghidt. Il-motor cycle hareg bi speed normali minn fuq li Stop Sign. Kellu speed inqas minni u minn Philip Cachia. Id-Daihatsu kienet qed izzomm lejn in-nofs tat-triq, imma iktar lejn ix-xellug. Jien kont 'il barra aktar minnha. Mistoqsi kif hu

possibbli li, la kien imtarrag lejn il-lemin tad-Daihatsu xi tmien metri lura bil-motor cycle johrog quddiem id-Daihatsu fuq distanza ta' zewg metri, mhux biss ra l-motor cycle imma rah ukoll hiereg minn fuq l-istop sign lejn il-lemin huwa wiegeb illi l-angle of vision tieghu kienet tajba bizzejjed biex jara kollox. Huwa kompla "Hoss ta' brakes smajt. Ma kienux qawwijijn. L-ewwel reaction ta' Philip Cachia kienet li jikser. Wara l-impatt id-Daihatsu ghamlet full circle. Spiccat kif murija fil-Police sketch. Ma niftakarx li habtet ma' l-electric pole, ghalkemm innotajt li dan kellu l-hsara. Bicca mill-motor cycle jew il-crash helmet spiccaw 'l hemm mill-motor cycle. L-evasive action tad-Daihatsu kienet sudden. On impact il-motor cycle kien lejn nofs it-triq."

7. L-attur **Philip Cachia** wara li kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata kompla jghid: "Jien kont gej mid-direzzjoni ta' St Andrew's. Mieghi kelli lil Mario Farrugia bhala front-seat passenger. Dak iz-zmien ma kienx hemm traffic lights fejn gara l-incident. Kien hemm biss Stop sign ghal min kien hiereg bhall-motor cycle. Jien kont inzomm bejn lane u iehor. Warajja kien hemm isuq Josef Grech. Kien bil-lejl u jien kont bid-dwal. Speed bejn 40 u 50 k.p.h. Il-motor cycle rajtu hiereg minn taht l-ghajn tax-xellug. Kien xi tul ta' karozza boghod. Ippruvajt nevitah billi gbidt lejn is-centre strip. Zammejt brake hafif imma l-motor cycle ilqattu fin-nofs tieghu bil-faccata tad-Daihatsu. Nesibixxi ritratt li juri l-hsara fejn sar l-impatt. (Dok. X1). Spiccajt kif nidher fil-Police sketch. It-tabella fit-tarf tas-centre strip u l-arblu tad-dawl ma lqatthomx. Bhala rizultat ta' l-incident ksirt imniehri, sinna, u kelli naghmel diversi punti f'wicci. Ghamilt gimghatejn ma mmurx xoghol imma thallast. Spejjez ta' tobba u medicini ma kellix. Jien irnexxieli nohrog mill-karozza. Spiccajt bil-qeghda hdejn l-arblu tad-dawl u wara haduni l-isptar. Il-motor cycle spicca kif muri fil-Police sketch. Qabel l-incident id-Daihatsu kienet assikurata fl-ammont ta' Lm1200. Giet dikjarata beyond economical repair. Kelli nabbandunha billi bdew izommuli tal-kera. Jien korrejt fl-incident. Kelli l-punti fuq ghajnejja u kelli mniehri miksur. Domt hmistax ma mmurx xoghol, imma paga ma tliftx. Imniehri baqa' mghawweg. Illum qed nilbes nuccali.

Qabel ma kontx. Meta gara l-incident kelli ghoxrin sena. Jiena accounts clerk. Ghandi Lm71 fil-gimgha. Darb'ohra nesebixxi l-P3 form."

8. Fil-kontro-ezami l-attur qal: "Fix-xhieda tat-Tabib Kevin Schembri tas-17 ta' Frar, 1997 intqal li konsegwenza ta' l-incident int kont qed issofri minn lacero contused wound fuq l-ghadma ta' l-imnieher. Qal ukoll li fratturi ma kienx hemm. Minkejja dan xorta tibqa' tghid li fl-incident ksirt imniehrek?" Huwa wiegeb illi xehed hekk ghaliex hekk qalulu t-tobba u n-nurses fil-jumejn li dam l-isptar. Huwa kompla jghid: "Naqbel illi dak huwa c-certifikat li tawni l-isptar, imma m'ghandix x'inzid ma' dak li ghidt. Naqbel li certifikati ohra m'ghandix. In-nuccali qed nuzah ghal boghod. Ili xi sentejn jew sentejn u nofs. Nuzah ghat-television biss. Ghalhekk ghamiltu. Il-hsara fil-karozza kienet fuq faccata ghan-nofs bil-konsegwenza li l-bonnet tghawweg 'il gewwa. Il-windscreen inkiser. Fis-sewqan kont qed inzomm mal-lane ta' barra imma mxaqleb lejn il-lane ta' gewwa. Traffiku hdejja u quddiemi ma kienx hemm. Il-motor cycle ma rajtux wieqaf fuq l-istop sign. Ma waqafx u baqa' hiereg. Speed kien normali, bejn wiehed u iehor daqsi jew forsi ftit inqas minni. Meta rajtu kont fil-pozizzjoni li ghidt. Niccara li ma nistax nghid b'certezza li l-motor cycle ma waqafx fuq li stop sign ghaliex jien rajtu wara li kien skorriha. Dak il-hin kien miexi."

9. **Dr Maria Sciberras** prodotta mill-attur qalet: "Jiena nahdem bhala Medical Administrator go St Luke's Hospital. Mill-file jirrizulta illi l-attur gie riferut l-isptar fis-16 ta' Lulju 1994 fis-2.30 a.m. wara incident tat-traffiku. Skond il-clinical notes (Dok.MS1 – Dok.MS3) jirrizulta illi l-attur ma ntilifx minn sensieh imma kellu retrograde amnesia u cioe loss of memory qabel l-incident. L-attur kellu feriti f'rasu u b'dan irrid infisser kollox inkluz wiccu. Il-clinical notes saru minn Dr Maria Stella Caruana li qieghda fil-Clinical centre Rahal Gdid. Nirrileva li fit-tieni pagna hemm ophthalmic report li jghid li ma kienx hemm bcejjec tal-hgieg f'ghajnejn l-attur. Il-pazjent gie discharged l-ghada. L-attur kien gie invistat

mill-Houseman Dr F.Pace. Din hi routine meta jkun hemm head injuries."

10. Il-konvenut **Tracy Bruno** wara li kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu kompla jghid: "Dak iz-zmien ma kienx hemm traffic lights. Kien hemm stop sign minn fejn kont gej. Fi zmien ta' l-incident ma kienx hemm is-centre strip, qasma li tinsab fuq in-naha tat-triq li taghti ghal St Andrew's u li hija ntiza biex tifred iz-zewg karreggjati ta' traffiku li jiehdu lejn St Andrew's mit-tnejn l-ohra li jiehdu lejn Paceville. Dak iz-zmien kien hemm is-central strip li tiddividi t-traffiku fiz-zewg direzzjonijiet u cioe dak li sejjer lejn St Andrew's u dak li sejjer lejn l-Imsida. Meta jiena wqaft mas-centre strip kif spjegajt fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni tieghi, il-mutur tieghi kien angolat ftit lejn il-lemin u cioe fid-direzzjoni ta' St Andrew's. Il-filliera li semmejt kienet ta' aktar minn tlett karozzi. Il-vettura illi qalghet il-vettura minn fuq ix-xellug ma ppermettitlix li jien nibqa' sejjer lejn St Andrews - *inkompli fi trieqti*. Nispjega illi jiena bqajt wieqaf u sa ma giet id-daqqa mill-vettura ta' l-attur kemm il-filliera li kienet fuq ix-xellug tieghi u kemm il-vettura li kienet fuq barra kienu weqfin. Nispjega illi l-vettura li kienet qed taqla' fuq barra kienet quddiemi b'mod li ma kienitx thallini nghaddi. Traffiku mid-direzzjoni ta' St Andrew's ma kienx gej. Nikkalkula illi meta jien ilmaht dawn id-dwal, kien circa 50 metru 'l boghod minni u l-karozza kienet gejja mid-direzzjoni minn St Andrews u fuq in-naha ta' gewwa fuq ix-xellug. Meta rajt id-dawl u l-pozizzjoni tal-vettura fil-lane li kienet, jiena hadt l-impressjoni illi l-attur kien ser imur fid-direzzjoni ta' Paceville billi jdur fuq ix-xellug huwa. Fil-fetha tal-liwja li semmejt, l-attur gibed fid-direzzjoni tal-lemin ghal barra u baqa' diehel go fija. Semmejt it-twerzieq tat-tyres ghaliex dawk gibduli l-attenzjoni. Nispjega li ma kienx hoss ta' brakes izda ta' twerzieq ta' karozza li gejja b'velocita u qieghda ddur. Fil-mument li l-attur biddel id-direzzjoni li ghadni kif semmejt, jiena kont ghadni fl-istess pozizzjoni li rreferejt ghaliha qabel ma rajt id-dawl. Il-vettura ta' l-attur baqghet gejja ghal go fija. Laqtet in-naha ta' wara tal-mutur fuq il-lemin u korriet lill-pillion rider fuq sieqha tal-lemin. Jien spiccajt imtajjar ma' l-art quddiem il-mutur u Romina quddiemi jekk thares fid-direzzjoni ta' St Andrews.

Fejn spiccat il-karozza ta' l-attur jien ma nistax nghid ghaliex minn fejn kont ma' l-art tellghuni fuq stretcher u flimkien ma' l-attur haduni l-isptar fl-istess Ambulanza. Meta sar l-isketch, kemm jien u kemm Romina ma konniex prezenti. Jidhirli li kien gie jkellimni s-surgent l-isptar. Il-mutur tieghi sofra danni kbar tant li gie beyond economical repair skond survey rilaxxat minn John Callus u li qed nesebixxi bhala Dok.TB1. Il-fdal tal-mutur ghadu ghandi sa llum. It-talba tieghi ghad-danni hija bazata fuq ir-rapport tas-surveyor u cioe Lm450 u cioe l-bilanc bejn il-pre-accident value u wreck value tal-vettura. Qed nesebixxi seba' ritratti li qed jigu markati bhala Dok.R1 sa R7 li huma ritratti li ttiehdu recentement li juru l-post fejn gara l-incident. Nispjega illi miz-zmien ta' l-incident sa llum l-unici kambjamenti li saru fil-lokaltita kienu, it-traffic lights u s-centre strip kulur orancio b'xi sinjali fuqha li tidher fl-istess ritratti. Fiz-zmien ta' l-incident il-lights u din is-centre strip ma kienux hemm".

11. Kontro-ezaminat **il-konvenut** qal: "Jiena kont wieqaf f'linja dritta mal-pole ta' l-elettriku imma kont xi tlieta/erba' metri 'l boghod minnha f'linja dritta. Il-karozzi li jiena ghidt kienu weqfin, kienu ma' genb is-centre strip fejn hemm indikat il-pole ta' l-elettriku ossia max-xellug tas-centre strip fid-direzzjoni ta' St Andrew's."

12. Fuq domanda jekk jafx illi l-mutur tieghu apparti li gie milqut mill-vettura ta' l-attur laqatx xi vettura li kienet wieqfa ma' genb is-central strip il-konvenut wiegeb li ma laqatx. Qal illi ma kellux idea jekk il-mutur laqatx il-pole ta' l-elettriku. Huwa jaqbel illi l-habta grat quddiem is-sewwieqa tal-vetturi li kien hemm weqfin. Fil-fatt, wiehed minnhom Kevin Dalli kien gie jkellimni xi granet wara. Huwa kien jafu minn Paceville. Il-konvenut kompla jghid illi jikkalkula li kien ilu wieqaf xi ghaxar sekondi qabel ma safa' milqut. "Dak il-hin li jien rajt lill-attur jaqleb minn naha ghall-ohra tat-triq, jien kont diga wieqaf . Dan kien 'il boghod minni xi hamsin/sittin metru. Nippreciza illi jien domt wieqaf iktar minn 10 sekondi u anqas minn nofs minuta. Naqbel illi l-pozizzjoni tal-mutur wara l-incident spiccat piu o meno kif indikat fl-isketch. Naqbel ukoll illi fil-hin ta' l-impatt il-mutur tieghi kien angolat fid-direzzjoni

lejn St Andrew's. Il-mutur xtrajtu second hand meta dan kien ilu barra 10 xhur. Hallast ghalih Lm700."

13. **Romina Bruno** prodotta mill-konvenut qalet: "Fil-gurnata ta' l-incident jiena kont pillion rider fuq il-mutur misjuq mill-attur, illum ir-ragel tieghi. Dak iz-zmien l-inkrocju ma kienx regolat bi traffic lights. Ahna konna hergin minn Paceville biex immorru fid-direzzjoni ta' Saint Andrew's. Nispjega illi kellna naqsmu zewg partijiet ta' Regional Road. Qabel ma hareg mit-triq li taghti ghal Paceville u qabel ma hareg ghar-Regional Road, kien waqaf fuq Stop Sign. Il-konvenut hares fuq il-lemin tieghu ghal traffiku li seta' kien gej minn St Andrew's u billi traffiku ma kienx gej, huwa qasam l-ewwel parti ta' Regional Road u waqaf hdejn is-centre strip billi mid-direzzjoni ta' l-Imsida kien tielgha t-traffiku. Niftakar illi kien hemm traffiku ma' genb is-centre strip biex idur ghal triq li taghti ghal Paceville u karozzi ohrajn fuq ix-xellug taghhom sejrin lejn Saint Andrew's. Meta konna weqfin mid-direzzjoni ta' Saint Andrew's jien smajt twerzieq ta' tyres. Dak il-hin jien rajt vettura mal-hajt ta' gewwa qisa sejra Paceville. Din il-vettura biddlet id-direzzjoni taghha u baqghet gejja fuqna. Karozza wahda jien rajt. Jien rajt il-karozza tbiddel id-direzzjoni meta din kienet circa 15-il metru boghod minnha. Jiena nghid li kien hemm velocita minn naha ta' din il-karozza u dana minhabba t-twerzieq tat-tyres tant li gibdet l-attenzjoni taghna biex inhares lejha. L-ewwel rajtu fejn spjegajt u kien niezel sew u wara smajt it-twerzieq tat-tyres u harist u rajt il-karozza sejra tbiddel id-direzzjoni ghal go fina. Meta jiena ghidt li rajt il-vettura l-ewwel darba, li wara rrizultatli li kienet ta' l-attur, ahna konna weqfin hdejn is-centre strip kif spjegajt. Il-vettura baqghet diehla ghal go fina, laqtet il-mutur fuq in-naha ta' wara u precizament laqtet lili fuq rigli tal-lemin u dak il-hin intlift minn sensija u ma niftakar xejn izjed. L-incident gara l-Gimgha bil-lejl sbieh is-Sibt. Nghid li ergajt gejt f'tieghi is-Sibt fil-ghaxija ghalkemm in-nies qaluli li kellimthom fil-frattemp. Jiena sofrejt concussion. Domt l-isptar gimgha. Jien sofrejt griehi f'saqajja tal-lemin u f'idejja tal-lemin u ghandi c-certifikati tat-tobba li ccertifikaw il-kondizzjoni tieghi."

14. Kontro-ezaminata, **Romina Bruno** qalet: "Waqt li konna weqfin fuq l-istop sign it-traffiku li kien gej mid-direzzjoni ta' l-Msida lejn Saint Andrew's, kien ghaddej. Naqbel ukoll illi t-traffiku li semmejt kien ghadu gej. Ma niftakarx jekk kienx hemm Stop sign biex jirregola dak it-traffiku li kien gej mill-Imsida biex jidhol go Paceville u cioe fit-tarf tas-centre strip. Il-mutur waqaf angolat lejn il-lemin 'il barra circa 4 metri mis-central strip. Meta semmejt illi rajt il-karozza ta' l-attur l-ewwel darba u li kienet gejja minn Saint Andrew's, l-ewwel ma rajt kien id-dawl taghha. Ma kienx hemm karozzi ohra gejjin minn dik id-direzzjoni. Rajt il-karozza l-ewwel darba meta din kienet 'il boghod minnha 15-il metru. Nikkalkula illi domna weqfin mas-central strip circa nofs minuta qabel ma saret il-habta. Fuq domanda li saritilha jekk f'dik in-nofs minuta, it-traffiku li kien wieqaf ma' gemb is-central strip, biex jidhol f'Paceville bediex jimxi, hija rrispondiet li ma tafx ghax hija kienet mohha fil-karozza. Fuq domanda ohra jekk il-karozza li rat gejja damitx nofs minuta biex tasal hija rrispondiet li damet inqas ghaliex it-triq kienet clear. Ma tiftakarx jekk ghaddiex traffiku li kien gej minn naha tal-lemin taghhom biex imur fid-direzzjoni ta' Paceville. It-traffiku fid-direzzjoni lejn Saint Andrew's baqa' ghaddej. Wara li giet mistoqsija wkoll ghaliex il-mutur taghhom kien 'il barra 4 metri mis-centre strip hija qalet ghaliex riedu jduru lejn Saint Andrew's. Hija qalet illi ma taqbilx illi l-mutur tal-konvenut kien pozizzjonat fuq in-naha l-hazina.

15. **Kevin Dalli Sandelwood,** prodott mill-konvenut qal: Jiena rajt l-incident li fih kienu nvoluti l-partijiet. Jiena kont gej mid-direzzjoni tal-mina biex immur Paceville. Traffic lights ma kienx hemm. Quddiemi naf illi kien hemm vettura ohra bhali li ser iddur lejn il-lemin bhali. L-indicator tieghi kien mixghul. Jien kont wieqaf qed nistenna bhal traffiku iehor il-hrug u d-dhul ta' vetturi ohra sejrin Paceville. Niftakar illi mid-direzzjoni opposta u cioe minn St Andrew's rajt dwal ta' karozza gejja minn dik id-direzzjoni. Niftakar li gibidli l-attenzjoni ghal din il-karozza t-twerzieq tat-tyres tant li baxxejt ir-radio. Nara mutur fin-nofs jintlaqat u jghola u jigi hdejja fuq in-naha li kont jien. Tul dan il-hin il-vettura tieghi u dik ta' quddiemi kienu weqfin. Meta rreferejt illi rajt il-mutur fin-nofs, b'dan irrid

infisser illi kien fin-nofs tal-fetha tas-centre strip. Jien rajt il-mutur qabel ma rajt il-karozza u nispjega illi jien rajt il-mutur hiereg mid-direzzjoni ta’ San Giljan. Wara rajtu wieqaf u kien diga skorra l-wisa’ kollha tat-triq u kien f’pozizzjoni angolata jhares lejn St Andrew’s. Il-karozza kienet qed izzomm man-naha tax-xellug tat-triq minn fejn kienet gejja. Niftakar illi wara li smajt it-twerzieq tat-tyres kien hemm intervall, il-vettura gibdet ‘il barra u saret il-habta mal-mutur. Nispjega illi jien kont qed nara kollox mill-windscreen tieghi u minn dak ta’ quddiemi. Kien is-sajf u kelli t-tieqa tad-driver miftuha tant illi effett tad-daqqa dahalli l-hgieg tal-habta fil-karozza tieghi. Il-karozza li laqtet il-mutur kienet dik ta’ l-attur wara li laqtet il-mutur, laqtet ukoll il-pole ta’ l-elettriku ndikat fl-isketch u spiccat fil-pozizzjoni kif indikat fuq l-isketch. Nikkonferma wkoll il-pozizzjoni tal-mutur kif indikat fuq l-isketch. Miz-zewg partijiet jiena kont naf biss ‘by sight’ lill-konvenut ghaliex naf li kien jiffrekwenta Paceville. Niftakar illi apparti l-konvenut kien hemm ukoll tfajla li wara rajtha ma’ l-art u dehrli li kienet imwegga’. Il-konvenut u l-passiggiera tieghu kienu t-tnejn libsin helmet. Meta l-konvenut nehha l-helmet tieghu jien gharaftu. Wara ngabru n-nies u jidhirli li l-ambulanza giet qabel ma gew il-Pulizija. Jien qadt ftit tal-hin fuq il-post pero wara mort l-Alley Paceville u ghidt lil shabi x’kien gralu Tracy. Ix-xufier tal-karozza li habtet mal-mutur jidhirli li kien wahdu u jien ma mortx hdejh. Meta gew il-Pulizija jien ma kontx prezenti. Sa fejn niftakar, il-mutur kellu hsara fuq ir-rota ta’ wara tan-naha tal-lemin.

16. Kontro ezaminat **Kevin Dalli Sandelwood** gie mistoqsi jekk qattx ra lill-mutur wieqaf fuq l-istop sign u huwa wiegeb illi iva u anke rah hiereg. Mistoqsi fejn kienet il-karozza li kienet gejja minn St Andrew’s waqt li kien wieqaf fuq l-istop sign u kienx diga sema’ t-twerzieq huwa qal li l-karozza kien ghadu ma rahiex. Meta ra l-karozza l-ewwel darba l-mutur kien diga hareg u kien stationary. Gie suggerit lilu illi l-habta ma gratx kif qed jghid izda grat waqt li l-mutur kien qed jittraversa dik il-parti tat-triq li twassal lejn l-Msida u li fl-ebda hin il-mutur ma kien wieqaf meta gie milqut. Ix-xhud qal li ma qabilx ma’ dan is-suggeriment u kkonferma dak li

xehed. Kompla jghid illi l-mutur wara d-daqqa ma laqatx ebda karozza li kienet fin-nofs tal-fetha. Lanqas ma laqat xi karozzi ohra li kienu ghaddejjin. Qabel illum huwa tkellem dwar dan l-incident mal-konvenut u l-mara tieghu. Xi tlett xhur wara rah l-Alley. Kompla ighid illi it-tnejn izzewgu pero kien hu stess li offra lill-konvenut biex jitla jixhed peress illi kien ra kollox. Fil-hin li l-mutur kien wieqaf, quddiem il-karozza ta' l-attur ma kienx hemm traffiku pero warajh jista' jkun. Il-karozza ta' quddiemu, kieku riedet aktarx li setghet iddur lejn il-lemin. Jghid illi dak li sema' kien twerzieq ta' tyres ghaliex jahseb illi hoss ta' brake kien ikun aktar profond. Jikkalkula illi kien 40 metru 'l boghod meta sema' it-twerzieq tat-tyres. Ipprecisa li aktarx kien circa tul hames karozzi u baqa' jsostni illi l-konvenut kien wieqaf hemmhekk. Dan seta' jghidu ghaliex il-konvenut rah stazzjonat. Huwa hadem mal-Wings Travel, illum saret Arrow Express.

17. **Matthew Aquilina** prodott mill-konvenut qal: "Jien sirt naf lill-konvenut wara l-incident in kwistjoni. Jien ma rajtx il-habta ssir. Jien kont ma' hija tewmi li huwa identical mieghi, konna hdejn is-Sundown Bar. Kellu l-karozza pparkjata man-naha tal-bar fil-karreggjata li taghti ghal San Giljan. Il-hin kien bejn nofs il-lejl u s-siegha ta' fil-ghodu. Jien kont qed nghin lil hija peress illi waqfitlu l-karozza. F'hin minnhom rajt il-karozza ta' l-attur gejja mid-direzzjoni ta' St Andrew's bi speed mhux hazin (speed qawwi). Dan nghidu ghaliex kelli nigbed il-hija li kellu rasu taht il-bonnet. Jien ma rajtx vetturi ohra gejjin minn wara dik li semmejt. Il-karozza baqghet ghaddejja b'dan l-ispeed. Rajt il-karozza tiehu fid-dawra b'sahha. Dak il-hin hija rnexxielu jistartja l-karozza u soqna lejn id-direzzjoni ta' Paceville. Kif imxejna, rajna l-incident u nnotajt illi l-istess karozza li kont rajt kienet involuta fl-incident. L-accident gara fejn illum hemm il-lights int u hiereg minn Paceville. Qieghed nigi muri l-isketch u naqbel mieghu. Jien niftakar lill-konvenut u l-mara tieghu ma' l-art bil-mara tieghu tghajjat bl-ugiegh. Lill-attur rajtu fil-karozza. Jidhirli illi ma' l-attur kien hemm xi hadd iehor fil-karozza. Meta mort hdejn hija kont bil-mutur u ghalhekk meta morna lejn Paceville jien kont bil-mutur u hija kien fil-karozza. Jiena wqaft u tkellimt mal-mara tal-

konvenut. Il-pole li qed jidher fl-isketch kien mghawweg u jekk niftakar kellu z-zebgha blu fuqu. Il-karozza ta' l-attur kienet ta' lewn blue. Jien domt fuq il-post sakemm gew il-Pulizija u l-ambulanza pero ma niftakarx kemm ghadda zmien."

Illi l-perit legali ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet u sottomissjonjiet fir-relazzjoni tieghu :

**"KONSIDERAZZJONIJIET U SOTTOMISSJONIJIET**

Din il-kawza hija dwar kollizzjoni li sehhet fit-tarf tar-Regional Road San Giljan lejn in-naha ta' Saint Andrew's. L-attur kien gej mid-direzzjoni ta' Saint Andrew's biex imur fid-direzzjoni lejn l-Imsida mentri l-konvenut kien gej mid-direzzjoni ta' Paceville biex imur fid-direzzjoni ta' Saint Andrews. L-attur, li kien qed isuq il-karozza tal-marka Daihatsu jghid illi l-konvenut hareg min-naha tax-xellug tieghu, minghajr ma waqaf fl-istop sign u habat mieghu. Il-konvenut li kien qed isuq il-mutur jghid illi biex imur lejn Saint Andrew's huwa ried jaqsam Regional Road f'zewg stadji. L-ewwel ma ghamel kien li waqaf fuq l-istop sign. Wara li accerta ruhu li setgha jipprocedi saq ftit aktar u rega' waqaf. Sakemm kien wieqaf giet il-karozza misjuqa mill-attur u baqet diehla fuqu.

Il-partijiet ipproducew diversi xhieda li ddeskrivew id-dinamika ta' kif sehh l-incident. Naturalment din ix-xhieda hija konformi mal-istess verzjoni li nghatat mill-parti li resqet ix-xhieda. Ghalkemm dawn ix-xhieda jghinu u jitfghu hafna dawl fuq il-kaz, l-esponent jisottometti illi dan mhux bizejjed biex iwassal lill-gudikant ghal dak il-konvinciment rikjest biex jiddeciedi min kien responsabbli ghall-incident in kwisjoni.

Il-kaz jiprezenta diversi diffikultajiet. Il-konvenut jghid illi kien wieqaf fil-mument li l-vettura tal-attur li kienet gejja bi speed qawwi dahlet fuqu. Prova li tinkompi assolutament fuqu. Jekk il-fatti graw kif qed jallega il-konvenut, allura l-mutur tieghu messu spicca hafna aktar 'il boghod mill-pozizzjoni indikata fuq l-iskizz u l-vettura tal-attur ma kelliex ghalfejn tispicca thares lejn San Giljan imma

pjuttost fid-direzzjoni ta’ l-Imsida. Huwa minnu illi *‘in the agony of the collision’* huwa difficili tghid x’jaghmel sewwieq ta’ vettura u/jew jekk ikunx ha xi ‘*evasive action’.* Meta dan jigri, l-pozizzjoni tal-vetturi kif indikati fuq l-iskizz mhux dejjem tirrifletti l-pozizzjoni li wiehed jistenna.

Min naha l-ohra jekk wiehed joqghod fuq il-verzjoni tal-attur u cioe illi huwa kien ghaddej bi speed moderat u l-konvenut hareg minn naha tax-xellug, bi speed bil-mod ghal fuqu, il-vettura tieghu messa soffriet daqqa fil-gemb. Imma la darba l-hsara tal-vettura ta’ l-attur kienet frontali kif murija fir-ritratt esebit minnu u markat bhala Dok X1, kemm il-mutur tal-konvenut kif ukoll il-vettura ta’ l-attur kellhom it-tnejn jisspiccaw fid-direzzjoni ta’ l-Imsida u mhux kif indikati fl-iskizz.

Fit-trattazzjoni verbali li saret quddiem l-esponent fl-ahhar seduta, l-abbli difensuri tal-partijiet issollevaw diversi punti. Id-difensur ta’ l-attur irrileva illi fil-lokalita fejn sar l-incident ma kienx hemm dawl. Huwa sostna illi c-central strip u il-pozizzjoni ta’ l-istop sign huma fatturi importanti li jillimitaw favur it-tezi tal-attur. Issottometta illi l-verzjoni tal-konveut ma tikkorispondiex max-xhieda u dan huwa prova illi il-konveut ma waqafx fuq l-istop sign. Ghal kuntraju l-verzjoni ta’ l-attur hija konfortata bix-xhieda biex b’hekk il-verzjoni tieghu hija aktar kredibbli. Fl-ultima ipotesi id-difensur ta’ l-attur issottometta illi hadd mill-partijiet ma rnexxielu jipprova l-kaz tieghu. Id-difensur tal-konvenut kien pront biex irrisponda u qal illi l-attur irid jiddeciedi dak li jrid. In oltre sostna illi hemm xhieda bizzejjed biex gie ippruvat illi l-attur kien ghaddej bi speed eccessiv. Bi speed eccessiv huwa qieghed ifisser aktar minn 40 kilometru fis-siegha; illi l-attur tilef kontroll tal-vettura appena telaq il-liwja; il-fatt illi l-habta saret fuq il-parti ta’ wara tal-mutur tal-konvenut tant li wegga wkoll il-pillion rider. Ghaldaqstant ‘on a balance of probabilities’ il-verzjoni tal-konvenut hija korretta.

L-esponent jistqarr illi haseb fit-tul dwar dan il-kaz. Huwa kellu l-vantagg illi huwa familjari tal-lok fejn gara l-incident peress meta sar l-incident huwa kien joqghod fil-vicinanzi u ta’ spiss kien jaghmel uzu mit-toroq fejn sehh l-incident.

Jiftakar sew kif kien il-lokal fis-sens illi llum twahhlu t-traffic lights u kif kienet is-central strip.

Ma hemmx dubju illi l-konvenut kellu l-obbligu li jieqaf fuq l-istop sign u qabel ma jipprocedi huwa kellu jkun zgur illi dan jista' jaghmlu wara li jaccerta ruhu illi meta jaghmel din il-manuvra huwa ma jkunx ta' perikolu ghat-traffiku li jkun gej u ghalih stess. Il-konvenut isostni illu huwa waqaf fuq l-ewwel stop sign, saq u rega' waqaf f'pozizzjoni daqxejn angolata lejn il-lemin jistenna biex jipprocedi lejn Saint Andrews. Semma li kellu karozzi fuq in-naha tax-xellug u li giet karozza minn wara minn fuq ix-xellug tant illi din ma hallietux jghaddi. Jghid illi ra dawl, sema' twerzieq tat-tyres (u mhux brake marks), ra wkoll il-karozza ta' l-attur titbandal u din spiccat ghal fuqu meta dan kien ghadu wieqaf. Il-konvenut xhed illi kkalkula illi meta kien lemah dawn id-dwal, l-attur kien circa 50 metru 'l boghod minnu u l-karozza kienet gejja mid-direzzjoni minn St Andrews u fuq in-naha ta' gewwa fuq ix-xellug. Jghid illi "*Meta rajt id-dawl u l-pozizzjoni tal-vettura fil-lane li kienet, jiena hadt l-impressjoni illi l-attur kien ser imur fid-direzzjoni ta' Pacevilli billi jdur fuq ix-xellug huwa. Fil-fetha tal-liwja li semmejt, l-attur gibed fid-direzzjoni tal-lemin ghal barra u baqa' diehel go fija".* Issa kif gja inghad la darba l-konvenut kien tielaq minn stop, kellu juza diligenza massima. Sfortunatamet l-impressjoni li l-konvenut ha li l-attur kien sejjer Paceville, effetivament kienet zbaljata ghaliex l-attur fil-fatt mar lejn l-Imsida. Ma hemmx dubju illi l-attur kellu precedenza. In oltre l-konvenut ra d-dawl u sema' it-twerzieq tar-roti tal-vettura ta' l-attur. Wisq probabbli dak li gara huwa illi wara li l-konvenut ha l-impressjoni li l-attur kien sejjer Paceville, ittanta johrog u bil-kemm lehaq ghadda peress illi l-mutur safa milqut fuq in-naha ta' wara fejn kien hemm il-pillion rider. Dan pero jispjega d-daqqa frontali tal-vettura ta' l-attur imma ma jiggustifikax il-pozizzjoni tal-mutur fuq l-iskizz. Issa jekk il-mutur kien wieqaf, daqxejn angolat lejn il-lemin, la darba l-attur kellu l-precedenza, allura il-pozizzjoni tal-mutur ezatt kif sehh l-incident kienet ta' ostakolu ghall-attur. Mill-banda l-ohra l-esponent ma ghandux dubju illi l-attur kien ghaddej bi speed eccesiv ghal-lokalita fejn sehh l-incident. L-esponent ma jeskludijx

lanqas il-fatt illi l-attur setgha biddel il-pozizzjoni tieghu kif spjega l-konvenut. Imma dan il-fatt anke jekk kien hekk ma kienx il-kawza principali tal-incident. L-esponent ma ghandux dubju illi kieku ntuzat aktar prudenza fis-sewqan ta' l-attur dan l-incident setgha jigi evitat, jew jekk mhux evitat, forsi ma kienx igib mieghu konsegwenzi daqstant gravi. Bl-agir tieghu l-attur ikkontrwibwixxa ghall-incident."

Illi l-perit legali wasal ghas-segwenti konkluzjoni :

**"KONKLUZJONI.**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponent jissottometti bir-rispett illi z-zewg sewwieqa kienu responsabbli ghall-incident pero mhux fi grad ugwali. Fl-umili opinjoni ta' l-esponent ir-responsabilta ta' l-incident ghandha tigi maqsuma in kwantu ghal zewg terzi fil-konfront tal-konvenut u terz fil-konfront ta' l-attur. Naturalment, dan ukoll jghodd ghal kontro-talba tal-konvenut.

Peress illi bi ftehim mad-difensuri tal-partijiet illi din ir-relazzjoni ghandha tkun limitata biss ghar-responsabilita dwar l-incident, l-esponent mhux ser jghaddi biex jillikwida d-danni f'dan l-istadju."

Ikkunsidrat :

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur ikkritika ir-relazzjoni tal-perit legali in kwantu il-perit legali ikkonkluda illi r-responsabbilta fir-rigward ta' l-attur hija ta' terz u issottometta illi l-konvenut jahti unikament ghall-incident ta' traffiku mertu ta' din il-kawza.

Illi kemm l-attur u kif ukoll il-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, irrikapitulaw il-fatti kollha illi waslu ghall-incident tat-traffiku de quo u ikkwotaw ix-xiehda illi inghatat. Il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu issottometta illi ghandha tintlaqa in toto it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u ghalhekk ghandu jigi dikjarat kompletament responsabbli l-attur ghall-incident mertu ta' din il-kawza, jew fl-aghar ipotesi l-

attur ghandu jigi dikjarat responsabbli ghall-incident de quo fil-mizura ta' zewg terzi, filwaqt illi r-rimanenti terz huwa attribwibbli ghalih il-konvenut.

Illi l-konvenut issottometta illi l-attur ma zammx "a proper look out" u qieghed jabbuza mill-posizzjoni tieghu ta' main road user, mentri fil-fatt huwa main road abuser. Il-konvenut semma diversi sentenzi sabiex jissostanza it-tezi tieghu. Il-konvenut sahaq hafna dwar il-fatt illi skond hu, l-attur kien ghaddej b'velocita eccessiva u dan johrog mill-grad ta' danni rappurati fil-vetturi rispettivi, il-punt ta' fejn sehh l-impatt originali bejn iz-zewg vertturi u fejn iz-zewg vetturi spiccaw wara l-impatt. Il-konvenut issottometta wkoll illi l-Qorti mhix tenuta tistrieh fuq ir-rapport tal-perit legali u l-Qorti hija dejjem libera sabiex tiddepartixxi mir-rizultanzi tal-perit minnha mahtur.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti fliet l-atti kollha ta' dan il-process u fliet u ezaminat ukoll b'mod specjali ir-relazzjoni tal-Perit Legali.

Ikkunsidrat :

Illi fir-relazzjoni tieghu il-perit legali ikkwota estensivament ix-xiehda tad-diversi persuni illi tressqu kemm mill-attur, kif ukoll mill-konvenut. Wara illi ghamel dan, il-perit legali ghamel diversi konsiderazzjonijiet u sottomissjonijiet qabel ma wasal ghall-konkluzjoni tieghu.

Illi il-Qorti tara illi il-perit legali minnha mahtur ghamel ezami akkurat u approfondit tal-provi imressqa, u tax-xiehda kollha illi inghatat, u meta ghamel il-konsiderazzjonijiet u is-sottomissjonijiet tieghu sejjishom fuq bazi legali soda.

Illi per ezempju il-perit legali staqsa jekk il-konvenut kienx qieghed jghid il-verita meta xehed illi kien wieqaf fil-mument li l-vettura tal-attur, li kienet gejja bi speed qawwi, dahlet fuqu. Huwa osserva gustament illi min jallega irid jipprova u illi li kienu verament il-fatti graw kif xehed il-konvenut allura il-mutur misjuq mill-konvenut messu

spicca hafna iktar ‘il boghod mill-posizzjoni indikata fuq l-iskizz, u il-vettura tal-attur ma kellhiex ghalfejn tispicca thares lejn San Giljan imma pjuttost fid-direzzjoni tal-Imsida. Il-perit legali skrutinja wkoll il-verzjoni tal-attur, fis-sens illi ma emminx lill-attur meta dan xehed li kien ghaddej bi speed moderat u fir-relazzjoni tieghu spjega wkoll ir-ragunijiet ghalfejn ma kienx qieghed jemmen lill-attur f’dan ir-rigward.

Illi inoltre il-perit legali, fl-ahhar paragrafu tal-konsiderazzjonijiet u sottomissjonijiet illi huwa ghamel fir-relazzjoni tieghu, spjega b’mod konvincenti u b’mod dettaljat ir-raguni illi waslitu ghall-konkluzjoni illi effettivament huwa wasal ghaliha fir-relazzjoni tieghu.

Illi l-Qorti tiddikjara minghajr ebda tlaqliq ta’ xejn illi hija taqbel perfettament mal-konsiderazzjonijiet u sottomissjonijiet kollha illi ghamel l-abbli perit legali fir-relazzjoni tieghu, u ghalhekk filwaqt illi tiddikjara wkoll illi taqbel mal-konkluzjoni illi wasal ghaliha qeghda tadotta ir-relazzjoni tieghu u taghmilha bhala taghha.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi l-ewwel talba fic-citazzjoni u l-ewwel talba fil-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant billi tiddikjara illi l-attur u il-konvenut kienu responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-kawza izda mhux fi grad ugwali. Ir-responsabbilta ta’ l-incident mertu ta’ din il-kawza ghandha tigi maqsuma in kwantu ghal zewg terzi fil-konfront tal-konvenut u in kwantu ghal terz fil-konfront tal-attur. L-ispejjez ghandhom ukoll jinqasmu bl-istess mod fis-sens illi ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u in kwantu ghal terz mill-attur.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------